32000R0709

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 709/2000
ta' l-4 ta' April 2000
dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti oġġetti fin-Nomenklatura Magħquda

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar it-tariffa u n-nomenklatura statistika u dwar it-Tariffa doganali Komuni [1], kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2626/1999 [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 9 tiegħu,

Billi:

(1) Sabiex tiġi żgurata applikazzjoni uniformi tan-Nomenklatura Magħquda annessa mar-Regolament imsemmi, huwa meħtieġ li jiġu adottati miżuri dwar il-klassifikazzjoni ta' l-oġġetti msemmija fl-Anness ma' dan ir-Regolament.

(2) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stabbilixxa r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Kumbinata. Dawk ir-regoli japplikaw ukoll għal kull nomenklatura oħra li hi kollha jew f'parti bażata fuqha jew li żżid xi sottodiviżjoni oħra magħha u li hi stabbilita b'dispożizzjonijiet Komunitarji speċifiċi, bil-għan ta' l-applikazzjoni tat-tariffa u miżuri oħra dwar il-kummerċ f'oġġetti.

(3) Skond ir-regoli ġenerali msemmija, l-oġġetti deskritti fil-kolonna 1 tat-tabella annessa mar-Regolament preżenti jridu jiġu klassifikati skond il-kodiċi NM murija fil-kolonna 2, minħabba r-raġunijiet imniżżla fil-kolonna 3.

(4) Huwa xieraq li, soġġetta għall-miżuri fis-seħħ fil-Komunità dwar sistemi tat-tiftix doppju u ta' sorveljanza Komunitarja retrospetttiva u minn qabel ta' prodotti tat-tessili dwar l-importazzjoni fil-Komunità, l-informazzjoni li torbot tat-tariffa maħruġa mill-awtoritajiet doganali ta' l-Istati Membri dwar il-klassifikazzjoni ta' oġġetti fin-Nomenklatura Magħquda u li ma tikkonformax mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, tista' tibqa' tiġi nvokata, skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 12(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jistabbilixxi l-Kodiċi doganali Komunitarju [3], kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill (KE) Nru 955/1999 [4], għal perijodu ta' 60 jum mid-detentur.

(5) Il-miżuri provduti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-oġġetti deskritti fil-kolonna 1 tat-tabella annessa huma klassifikati fi ħdan in-Nomenklatura Magħquda taħt il-kodiċi CN murija fil-kolonna 2 tat-tabella msemmija.

Artikolu 2

Soġġetta għall-miżuri fis-seħħ fil-Komunità dwar is-sistemi ta' tiftix doppju u s-sorveljanza Komunitarja retrospettiva u minn qabel ta' prodotti tat-tessili dwar l-importazzjoni fil-Komunità, l-informazzjoni li torbot tat-tariffa maħruġa mill-awtoritajiet doganali ta' l-Istati Membri li ma tikkonformax mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament tista' tibqa' tiġi nvokata skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 12(6) tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92 għal perijodu ta' 60 jum.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel,fl-4 ta' April 2000.

Għall-Kummissjoni

Frederik BOLKESTEIN

Membru tal-Kummissjoni

---

[1] ĠU L 256, tas-7.9.1987, p. 1.
[2] ĠU L 321, ta' l-14.12.1999, p. 3.
[3] ĠU L 302, tad-19.10.1992, p. 1.
[4] ĠU L 119, tas-7.5.1999, p. 1.


L-ANNESS


Deskrizzjoni ta' l-oġġetti	Klassifikazzjoni Kodiċi tan-NM	Raġuni
(1)	(2)	(3)
1. Flokk singolu maħdum bil-labra tal-malja ikkulurit (95 fil-mija qoton, 5 fil-mija *elasthan*), b'aktar minn għaxar punti f'kull ċentimetru lineari f'kull direzzjoni magħduda fuq żona li l-miżuri tagħha huma minn ta' lanqas 10 ċm × 10 ċm. Għandu qasma dritta, intenzjonata li tkopri l-parti ta' fuq tal-ġisem, li tasal taħt il-qadd (59 ċm), b'komma qasira waħda Għandu għonq *asymmetric* u maqtugħ l-isfel ħafna mingħajr feṫa Fuq il-biċċa ta' quddiem,hu mżejjen b'biċċa rakkmu l-ġewwa fuq l-għonq u fuq il-komma Għandu wkoll faxex minsuġa fuq fl-għonq u fl-aħħar tal-komma u hu bil-keffa fil-bażi tal-flokk (Bluża) (Ara ritratt Nru 593) (*)	6106 10 00	Klassifikazzjoni hi determinata mid-dispożizzjoniet tar-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, Nota 4 għal Kapitolu 61 u l-kliem tal-kodiċi NM 6106, u 6106 10 00 Ara wkoll in-Noti ta' Spjegazzjoni għan-Nomenklatura Magħquda għat-titolu 6106 relata ma' blużi Jieħdu fil-kunsiderazzjoni l -qatgħa tagħha u l-għonq maqtugħ l-isfel, dan l-ilbies għandu jiġi klassifikat bħala bluża
2. Ilbies singolu kkulurit magħmul minn drapp minsuġ oħxon u b'teṙa magħtul it-tul tiegħu (100 fil-mija qoton), ta' qata' dritta, intenzjonata li tkopri l-parti ta' fuq tal-ġisem, li tasal sa taħt il-qadd (62 ċm),bi kmiem qosra Għandu V-*neckline* mingħajr feṫa u rakkmu dekorattiv quddiem IT-truf tal-kmiem, l-għonq u l-bażi tal-flokk huma bil-kfief (Ilbies simili għal *pullover*) (Ara ritratt Nru 595) (*)	6110 20 99	Klassifikazzjoni hi determinata mid-dispożizzjoniet tar-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, Nomenklatura Magħquda u l-kliem tal-kodiċi NM 6110 6110 20 u, 6110 20 99 Ara wkoll in-Noti ta' Spjegazzjoni għan-Nomenklatura Magħquda għat-titolu 6110 Jieħdu ħsieb ta' l-apparenza ġenerali ta' l-ilbies u n-natura tad-drapp f'liema hu manifatturat dan l-ilbies għandu jiġi klassifikat bħala Ilbies simili għal *pullover*
3. Ilbies kollu kuluri magħmul minn drapp minsuġ tal-*velvet* ta' fibri magħmula mill-bniedem (80 fil-mija *viscose*, 20 fil-mija *polyester*), b'aktar minn għaxar punti għal kull ċentimetru lineari f'kull direzzjoni magħduda fuq iż-żona li l-miżuri tagħha huma minn ta' lanqas 10 ċm × 10 ċm Dan l-ilbies hu ta' qata' dejqa u jkopri l-parti ta' fuq tal-ġisem sa taħt il-qadd Dan l-ilbies għandu kmiem twal,u dojoq,għonq tond mingħajr feṫa u *motif* dekorattiv quddiem L-għonq u t-truf tal-kmiem huma magħluqa b'*welt* applikat ta' drapp minsuġ u l-bażi ta' l-ilbies hu bil-keffa (Ilbies simili għal *pullover*) (Ara ritratt Nru 585) (*)	6110 30 99	Klassifikazzjoni hi determinata min-Noti Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, Noti 1 u 9, it-tieni paragrafu għal kapitolu 61 u l-kliem tal-kodiċi NM 6110, 6110 30 u 6110 30 99 Ara wkoll in-Noti ta' Spjegazzjoni għas-Sistema Armonizzata għat-titolu 6109 u n-Noti ta' Spjegazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda għat-titolu 6110 Jieħdu ħsieb in-nuqqas li jorbtu dan l-ilbies ma jistax jiġi klasifikat bħala blawż ta' titolu 6106

(*) L-illustrazzjonijiet huma sempliċement għal informazzjoni.


Deskrizzjoni ta' l-oġġetti	Klassifikazzjoni Kodiċi tan-NM	Raġuni
(1)	(2)	(3)
4. Ilbies dejjaq bir-rigi minsuġ (ħxuna: (1,5 mm, 70 fil-mija *acrylic*, 30 fil-mija *polyester*), intenzjonat li jkopri l-parti ta' fuq tal-ġisem, u li jilħaq taħt il-qadd (51 ċm). Hu mingħajr kmiem u bit-terħa madwar it-tul tiegħu Għandu għonq tonda mingħajr feṫa. Hu magħluq madwar l-għonq u *armholes* (Ilbies simili għal *pullover*) (Ara ritratt Nru 589) (*)	6110 30 99	Klassifikazzjoni hi determinata mid-Dispożizzjonijiet tan-Noti Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, Noti 1 u 9, it-tieni paragrafu, għal Kapitolu 61 u l-kliem tal-kodiċi NM 6110, 6110 30 u 6110 30 99 Ara wkoll in-Noti ta' Spjegazzjoni għan- Nomenklatura Magħquda għat-titolu 6110 Jieħdu ħsieb tal-piż ta' l-ilbies u l-ħxuna tiegħu,dan l-ilbies ma jistax jiġi klassifikat bħala *singlet* jew flokkijiet ta' taħt ta' titolu 6109

(*) L-illustrazzjonijiet huma sempliċement għal informazzjoni.




10
20
30
40
50
60
70
595


10
20
30
40
50
60
585



589